BIRGU

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt    website : www.birgu.gov.mt

---

## Minuti tal-laqgħa 36 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 36 (06) nhar it-Tlieta, 19 ta' Awwissu, 2014 fil-5.00 (fil-ħamsa) ta' wara nofsinhar fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

Is-Sitta u Tletin (36) Laqgħa tas-Sitt Kunsill inżammet b'din l-Agenda:-

1. Qari u Approvazzjoni tal-minuti
2. Korrispondenza
3. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
4. Approvazzjoni ta' impjieg ta' skrivan/a fuq bażi full-time mal-Kunsill Lokali
5. Jum il-Birgu 2014
6. Birgu Fest 2014
7. Żviluppi dwar iċ-Ċentru ta' Matul il-Ġurnata (Day centre)
8. Ħwejjeġ Oħra

**Prezenti**

Il-Viċi Sindku is-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsillieri s-Sur Anton Gellel, u is-Sur Lawrence Attard.

Is-Sindku s-Sur John Boxall talab li jkun skużat.

Il-Kunsillier Alan Cassar talab li jkun skużat.

Is-Sinjorina Fiona Said, Segretarju Eżekuttiv.

*Fl-assenza tas-Sindku s-Sur John Boxall, ippreseda il-laqgħa il-Viċi Sindku is-Sur Trevor Mizzi.*

**Talba**

Il-Vici Sindku is-Sur Trevor Mizzi qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

**Bidu tal-Laqgħa**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Vici Sindku is-Sur Trevor Mizzi ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgħa Numru 35(06).

1.1.1 Rigward materja numru 1.1.6 il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi talab lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard sabiex jispjega dwar is-sitwazzjoni tal-Garaxx tal-Hawli. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard spjega li wara li mar fuq il-post mal-perit ikkonfermaw li l-ilma diehel minn diversi postijietu dan minhabba li hemm hafna gutters li huma nieqsin. Huwa nforma li l-perit ghandu jibghat rapport dwar dawn il-hsarat u x'hemm bzonn isir.

1.1.2 Rigward materja numru 1.1.7, il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi tkellem dwar it-trasferiment tal-Ufficcju tas-Segretarju Ezekuttiv fejn sostna li is-Segretarju Ezekuttiv ghandha jkollha ufficju ghaliha wahedha u dan it-trasferiment ghandu jsir malajr kemm jista jkun. Dwar dan il-Kunsill qabel.

1.1.3 Rigward materja numru 2.3 dwar il-ftehim tal-P.P.P, il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi fakkar li Triq il-Mina l-Kbira kienet ser issir mill-Gvern fl-okkazjoni taz-Zjara tad-Dukessa ta' Cambridge. Rigward il-commitment ghat-toroq l-ohra il-Kunsill qabel li ghandu jiehu decizjoni meta jkun hawn il-membri tal-Kunsill kollha prezenti.

1.1.4 Rigward materja numru 7.3, Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi sostna li l-Kunsill ghandu jinsisti fuq l-istop sign li hemm bzonn issir fejn il-Knisja Santa Skolastika minhabba l-periklu li hemm.

1.2 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgha Numru 35 (6). Il-Kunsill approva unanimament.

2. Korrispondenza

2.1 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korripondenza minghand is-Sindku s-Sur John Boxall fejn informa lis-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjorina Fiona Said li kien qieghed jirrinunzja in-nomina li ppropona lis-Sinjura Miriam Gauci sabiex tinghata 'Gieh Jum il-Birgu'.

2.2 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korrispondenza minghand Rolling Geeks fejn qed jaghmlu talba sabiex issir treasure hunt fit-Tliet Ibliet tal-Kottonera. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezjoni.

2.3 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korrispondenza minghand is-Sur Etienne Scicluna rigward il-European Mobility Week li fiha ser ikun hemm inkluz ukoll il-Car Free Day. Il-Kunsill qabel li l-attivita tal-Car Free Day ghandha issir wara l-hamsa ta' filghaxija biex ma jinholoq ebda konvenjent lir-residenti u bhala attivitajiet ghandhom isir simili tas-snin precedenti.

2.4 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korrispondenza li ntbaghtet mis-Sindku s-Sur John Boxall lill-Ministru s-Sur Joe Mizzi fejn is-Sindku s-Sur John Boxall fl-ittra tieghu ghan-nom tal-Kunsill Lokali Birgu kien jinsab irredikolat u l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien gie injorat minhabba li xi haddiema kienu qed jizbru sigar fi Triq it-Torri ta' San Gwann u dwar dan hadd mill-membri tal-Kunsill ma kien infurmat.

2.5 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korripondenza minghand is-Sur Lino Bugeja fejn talab li c-Cerimonja tal-Prezentazzjoni tal-Ktieb tieghu ' Vittoriosa – Ancient City of Culture' issir fis-Sala tal-Berga ta' Franza nhar il-Gimgha 17 ta' Ottubru 2014 fis-6.30pm. Il-Kunsill approva.

2.6 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korrispondenza dwar progett bl-isem 'ENCLOSE'. Il-Kunsill qabel li ghandu juri interess li jippartecipa.

2.7 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta Storika Kulturali – Birgu rigward it-Torri tal-Arlogg fejn intweghriet xewqa kbira li dan it-Torri jerga jinbena.

2.8 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korripondenza dwar it-tieni fazi tal-progett 'DECIDE'. Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi informa lill-Kunsill li ghal dan il-progett ser tigi organizzata attivita fis-Slovenia fl-20 ta' Settembru 2014. Il-Kunsill qabel fil-principju li ghandu jippartecipa dejjem jekk hemm il-fondi ghal din il-visita.

2.9 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korripondenza dwar il-progett 'BE ONE' fejn informa lill-Kunsill li l-progett gie estiz ghall-1 ta' Settembru 2014.

2.10 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq zewg kwotazzjonijiet ghall-photocopier li ser titpogga fl-Ufficju l-gdid tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ppropona li tinghazel l-orhos kwotazzjoni minghand Alfa Company Ltd. Din il-proposta giet issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anton Gellel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korripondenza dwar il-progett Coheirs 2 fejn il-Kunsill qabel li ghandu jerga jippartecipa f'dan il-progett.

2.12 IL-Vici Sindku s-Siur Trevor Mizzi ressaq korripondenza dwar progett 'Sustainable Management Solutions' fejn qed jistiednu lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jippartecipa f'workshops maqsumin fuq jumejn bejn il-11 u 12 ta' Settembru 2014, f'Dubrovnik Croatia. Il-Kunsill qabel li dwar dan ghandu jara kemm se tigi l-ispiza.

2.13 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq korripondenza dwar Konferenza Internazzjonali li ser tigi organizzata f'Cisternino, Puglia, l-Italja, nhar is-16 sat-18 ta' Ottubru 2014. Dwar dan kien hemm qbil fil-principju izda il-Kunsill ghandu jara kemm ser tkun l-ispiza.

2.14 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-kuntratt tal-Green MT fejn wasal biex jiskadi. Il-Kunsill qabel li din il-korripondenza ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

3. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

3.1 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq ghall-Approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' Pagamenti datata mis-16 ta' Lulju 2014 sa 19 ta' Awwissu 2014.

3.2 Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iSkeda ta' Pagamenti b'cekkijiet Numru 2061 sa 2077.

4. Approvazzjoni ta' impjieg ta' skrivan/a fuq bazi full-time mal-Kunsill Lokali.

4.1 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi spjega li wara li harget is-sejha ghall-skrivan fuq bazi *full-time* mal-Kunsill Lokali Birgu b'mod intern, il-Kunsill ircieva applikazzjoni wahda minghand is-Sinjura Moira Azzopardi li prezentament hija impjegata mal-Kunsill Lokali Birgu fuq bazi part-time.

4.2 Il-Kunsill approva unanimament l-applikazzjoni tas-Sinjura Moira Azzopardi bhala skrivana fuq bazi full-time mal-Kunsill Lokali Birgu.

4.3 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq ukoll ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-performance Bonus tas-Sinjura Moira Azzopardi ghas-sena 2013. Is-Sindku s-Sur John Boxall fl-appraisal test li ghamel lis-Sinjura Moira Azzopardi ppropona li tinghata l-massimu tal-performance bonus dak ta' 6%. Il-Kunsill qabel li minhabba li l-prassi tal-Kunsill hija li hadd ma jinghata il-massimu tal-performance bonus, ghaldaqstant f'dal-kaz m'ghandux jinghata biex ma jinholoqx precedent. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

4.4 Il-Kunsill approva li s-Sinjura Moira Azzopardi tinghata performance Bonus ta' 5% ghas-sena 2013.

5. <u>Jum il-Birgu 2014</u>

5.1 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi fetah id-diskussjoni billi spjega dwar il-programm ghall-Jum il-Birgu 2014, fejn spjega li l-Quddiesa kif ukoll ic-Cerimonja ta' Jum il-Birgu 2014 ghandhom isiru il-Hadd 7 ta' Settembru 2014. Dwar dan il-Kunsill qabel.

5.2 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi informa lill-Kunsill li l-film huwa lest u l-Kunsill ghandu jkellem lis-Sur Ray Vella biex jipprovdilna l-iscreen sabiex jintwera ix-short film dwar in-nies tal-Birgu fi Zmien il-Gwerra.

5.3 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel spjega li l-organizzazzjoni ghall-Quddiesa tinsab fil-final u fakkar lill-Kunsill li ghandu jitlob permess lill-Arcipriet rigward iz-zuntier.

5.4 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi informa lill-Kunsill li ser jintbaghat invit lin-nies kollha li taw is-sehem taghhom sabiex isir dan id-dokumentarju filwaqt li ppropona li ghandhom jinghataw tifkira zghira minghand il-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qabel.

5.5 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi fakkar ukoll li wara l-attivita il-Kunsill kien qabel li jorganizza ukoll riceviment zghir ghan-nies prezenti kif ukoll li ghandha tintbaghat ic-cirkulari lill-Ghaqdiet Lokali rigward il-Kuruni.

5.6 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi kompla billi tkellem dwar Gieh Jum il-Birgu fejn qal li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien hemm zewg nominazzjonijiet, lis-Sinjura Miriam Gauci u lill-Patri Lawrenz Attard. Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi kompla billi qal li wara lil s-Sindku s-Sur John Boxall permezz ta' korrispondenza rtira n-nominazzjoni tieghu lis-Sinjura Miriam Gauci, kien fadal biss in-nominazzjoni ta' Patri Lawrenz Attard.

**F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda s-Sindku s-Sur John Boxall.**

5.7 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi staqsa lis-Sindku s-Sur John Boxall jaghti spjegazzjoni ghalfejn irtira in-nomina tieghu tas-Sinjura Miriam Gauci.

5.8 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li kien gie avvicinat minn Patri Lawrenz Attard sabiex dan ir-rikonoxximent ta' Gieh Jum il-Birgu jinghata lilu. Dwar dan huwa hass li ghandu jirtira kull nomina tieghu.

5.9 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi wara dan, ma hassux konvint li jaqbel man-nomina minhabba li Patri Lawrenz Attard kien talab hu stess li jinghata dan ir-rikonoxximent. Dwar dan il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel wera li qed jaqbel.

5.10 Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar tard.

**F'dan l-istadju tal-laqgha preseda is-Sindku s-Sur John Boxall**

6. <u>Birgufest 2014</u>

6.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni billi qal li l-kuntatti dwar din l-attivita u l-partecipanti kienu bdew.

6.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta l-lista tan-nominati ghas-Sotto Kumitati tal-Birgufest 2014. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li l-persuni nnominati ghandhom jintaghzlu kollha biex jaghmlu parti mis-sotto-kumitat u jinqasmu fi gruppi. Il-Kunsill qabel.

6.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa ukoll li ghandha issir laqgha nhar il-Hamis li gej fil-Berga ta' Franza fis-6.00pm sabiex jigu ffurmati s-sotto-kumitati.

7. <u>Zviluppi dwar ic-Centru ta' Matul il-Jum (Day Centre)</u>

7.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li wara laqgha li nzammet mis-Segretarju Parlamentari Dr Justyne Caruana rigward id-Day Centre ghall-anzjani, il-Kunsill gie nfurmat li l-ispiza ta €35,000 li kien gie mwieghed mid-Direttur tal-Kura ghall-anzjani ma tistax tinghata u dan minhabba li ma kienx hemm fondi allokati. Barra minn hekk kien hemm l-insistenza li qatt ma seta' jkun hemm flus allokati minn dan is-Segretarjat Parlamentari biex jigu nvestitifi propjeta li hi mikrija lil terzi persuni u li ma tkunx tghajjat lill-isetess segretarjat jew lill-Kunsill Lokali.

7.2 Waqt id-diskussjoni li saret f'din il-Laqgha, il-Kunsill intalab jissugerixxi post alternattiv fejn jista jsir dan id-Day Centre fejn min-naha tal-Kunsill talab jittiehdu kunsiderazzjonijiet, jekk dejjem possibli fil-Berga tal-Ingilterra. Min-naha tas-Segretarju Parlamentari , xtaqet li personalment taghmel zjara f'dan il- post. Wara li saret din il-vista, l-Onor Dr Justyne Caruana laqghet irrikonoxxiet il-possibilta li dan id-Day Centre ghandu jkun *hub* ghall-anzjani u dan ser ikun l-ewwel wiehed tax-xorta tieghu f'Malta.

7.3 Sar intervent mil-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi fejn qal li min-naha tal-Ministeru tal-Ministru Chris Agius, kienu ghaddejin il-preparament sabiex il-Berga tal-Ingilterra jsir Youth Centre izda l-preparamenti kienu ghadhom fi stadju bikri.

7.4 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li dan il-progett ma jistax ikun viabli u dan minhabba l-fatt li l-progett propost huwa fis-sular ta' fuq u minhabba li m'hemmx lift dan jista jkun ta' nkonvenjent kbir ghall-anzjani.

7.5 Is-Sindku kompla billi qal li dan il-progett ser ikun kollu iffinanzjat mis-Segretarjat Parlamentari u ppjanat li jitlesta lejn l-ahhar ta din sena.

8. Hwejjeg Ohra

8.1 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ressaq rapport dwar hmieg li qed ikun hemm fil-lettrini tat-Toqba. Il-Vici-Sindku s-Sur John Boxall wiegeb li kuljum qed jibghat haddiem tal-ETC sabiex jiccekja dawn il-lettrini. F'kaz li jinstab hekk, ghandhom jittiehdu r-ritratti.

8.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li wara li sar il-manutenzjoni fil-front office tal-Kunsill wara li ngabru donazzjonijiet, minn rendikont li sar jidher li fadal xi flus li ghadhom ma ntefqux ghaldaqstant ippropona li dawn ghandhom imorru fil-manutenzjoni tal-Ufficju tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel.

8.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li qed tkun ta' inkonvenjent kbir ghalih personali li jgib u jwassal kuljum l-inmates li l-Kunsill ghandu mieghu mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel offra li jwassalhom lura fit-3.00pm.

8.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-ftuh tal-isem tat-Triq il-Lunzjata ser issir nhar il-Gimgha 29 ta' Awwissu 2014 fit- 8.30pm u dak tal- 'Pjazza ta' Belt Vittoriosa' minflok dak ta' Misrah ir-Rebha ser isir nhar il-Hadd 7 ta' Settembru propju f'Jum il-Birgu 2014.

Il-laqgha spiccat fis-8.00 ta' filghaxija.

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati John Boxall
Sindku